MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 30/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Nicholas Tonna**

Numru 30/2013

Illum 26 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Nicholas Tonna**, ta’ dsatax-il (19) sena, iben David u Victoria neé Cassar, imwieled Pieta’, Malta, nhar il-15 ta’ Dicembru 1993, residenti fil-fond numru 13, Villa Attard, Triq Oscar Testa, Attard, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-

numru 207794(M), akkuzat talli nhar is-17 ta’ Frar 2012 u fil-granet ta’ qabel, gewwa l-Gharb, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f’hinijiet differenti;

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tat-28 ta’ Dicembru 2012 *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) (Dok. “C”).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu, li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib

lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------